MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 714/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C2833)**

***kontra***

**Priscilla Cassar**
**(K.I. numru 60982M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Lulju 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`erba` skritturi privati, wahda minnhom datata 6 ta` Ottubru 2006 (Dok. "A"), ohra datata 8 ta` Mejju 2007 (Dok. "B"), ohra datata 17 ta` Lulju 2008 (Dok. "C") u ohra datata 19 ta` Lulju 2008 (Dok. "D") fejn is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Priscilla Cassar;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Priscilla Cassar fis-somma ta` hamsa u erbghin elf, hames mija u tnejn u tmenin Euro u tnejn u tletin centezmu (€45,582.32) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta` Priscilla Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E" u "F1 sa F2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta` Gunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dok. "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Priscilla Cassar:*

*(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi,*
*(b) kienet inadempjenti f`obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi privati, u/jew,*
*(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Priscilla Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenuta Priscilla Cassar giet interpellata permezz ta` ittra ufficjali datata 19 ta` April 2012, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "G", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m`ghandhiex Din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati msemmija (u hawn esebiti bhala Dok. "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Priscilla Cassar (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi privati, (b) kienet inadempjenti f`obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Priscilla Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ; u*

*2. Tikkundanna lil Priscilla Cassar thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hamsa u erbghin elf, hames mija u tnejn u tmenin Euro u tnejn u tletin centezmu (€45,582.32) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta` Priscilla Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E" u "F1 sa F2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta` Gunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta` April 2012 u tal-Mandat ta` Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-lista ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi r-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh tal-kawza kienu debitament notifikat lill-konvenuta skont il-ligi.

Qieset l-atti u d-dokumenti esebiti mill-bank attur.

Rat in-nota tal-konvenuta prezentata fl-1 ta` Novembru 2013 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

**Ghar-ragunijiet premessi, u wara l-ammissjoni tat-talbiet attrici, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------